MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 24**

**It-Tlieta, 07 ta' Ottubru 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 07 ta' Ottubru 2025 fis-6:00 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**24.1 Talba;**

24.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:00 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT24.10, Għawdex*
*Tel: 24558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**24.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

24.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Ivana Mizzi u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**24.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

24.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 23 ma laħqux ġew ippreparati u ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**24.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

24.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 18/2025 għall-perjodi bejn it-12 ta' Settembru u l-07 ta' Ottubru 2025 li tammonta għal €18,550.71 ġiet approvata u iffirmata.

**24.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

24.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li għal din il-laqgħa il-punti tiegħu huma kollha imniżżlin fuq l-aġenda u għalhekk ser jiġu mresqa skond l-ordni fl-aġenda ta din il-laqgħa.

**24.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

24.6.2 Il-Kunsillier Joseph Mercieca ressaq ilment rigward il *Communal Disabled Parking* fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. Apparentament qed jipparkjaw karozzi mingħajr il- *Blue Badge* u mhux qed jiġu mgħotija ċitazzjoni mill-LESA. Dan il punt ġie diskuss u ġie ikkonfermat li mingħajr tabel ma arblu ma jistawx jingħataw ċitazzjoni. Il-kunsill qabel li ssir tabella.

n 24.6.2.1 Il-Kunsillier Joseph Mercieca semma ukoll rigward l- *Stop sign* fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. Hu issuġġerixxa li ssir tabella oħra fuq in-naħħa l-oħra tat-triq. Il-membri preżenti qablu unanimament.

**24.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

24.7.1 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni dwar korrispondenza li rċieva il-Kunsill mingħand *Transport Malta* li ġie approvat *Disabled Parking* fi Triq Kappillan Hili. Huma qed jipproponu li din issir kif ġie irrakomandat

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

milll-perit u l-aplikant u kif muri fil-korrispondenza li diġà ġiet iċċirkulata lil membri. Is-Segretarju uriet r-ritratti mibgħuta biex jaraw kif qed jiġi mitlub li issir u kif qed biex ikunu jistaw jaraw kif qed jiġi propost. Il-proposta hi li jiġi imnaqqas madwar 1.5 m mid-*double yellow lines* eżistenti. Wara diskussjoni fit-tul dwar dan il-punt ġie deċiż li tiġi mibgħuta risposta lis-Sur Ċefai fejn il-Kunsill jkun qed jirrispondi "li jekk dak li qed jiġi irrakomandat hu skond il-*Policy* ta' Transport Malta il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezjoni.

24.7.2 Is-Segretarju infurmat lil membri li illum il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar *sactioning* ta propjetà fi Triq il-Qalb ta'Ġesu, biex jara jekk il-Kunsill irridx ikun jiġi meqjus bħala konsulent esterni fuq dawn il-*board* ta appell. Il-Kunsill iddeċieda li ma jarax li għandu jidħol f'din is-sitwazzjoni.

24.7.3 Is-Segretarju infurmat lil membri li saret rikjesta mis-Sur Ġanni Galea biex issir *Parking bay* għall-karozza tal-Malteser li tintuża għall-komunita. Ġie deċiż li niċċaraw eżatt x'inhu qed jitlob, u jekk irrid *reserved parking* irrid jiġi osservat il-protokoll tad-*Disabled Parking* u nigwidawh fuq il-proċess peress li m'hemmx mod ieħor kif issir *personalize parking.*

24.7.4 Is-Segretarju reġat semmiet il-punt fuq il-*WiFi4U.* Hi ikkonfermat li hemm talba minn GO biex jiġu *upgraded.* L-amminstrazzjoni ġiet mgħoddija diversi kuntatti biex jinfetaħ iċ-Ċentru tal-paroċċa u niġu murija fejn jinsab biex issir ix-xogħol meħtieġ. Ġie diskuss dan il-punt u ġie deċiż li nerġaw nitkellmu mal-Kappillan biex niġu nurija fejn tinsab l-apparat u jkollna kuntatt ta persuna li jista jagħtina aċċess.

24.7.5 Is-Segretarju infurmat lil membri u ċċirkulati l-BOQ li rċivejna mingħand Galea Curmi dwar il-fanali ta Triq il-Kappillan Hili. Din il-BOQ se tkun qed tintuża kif ikun hemm skema addatata. Is-Sur Horace Micallef ippropona li bħala Kunsill naraw li meta joħroġ it-*Tender* ikun għal-proċess kollu (biex jinqalaw dawk preżenti u jitwaħlu il-ġodda) biex ma jkunx hemm problemi ta kordinazzjoni.

24.7.6 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date received | Date sent | From | Title |
|---|---|---|---|
| 13/09/2025 | 13/09/2025 | Reġjun Għawdex | Exhibition during the Year of Culture - Closing Event |
| 11/09/2025 | 13/09/2025 | Local Government Division | Save the Date: Launch of the ESF +.0.246 Mobility Sponsorships |
| 11/09/2025 | 13/09/2025 | Mater Dei Hospital | Mater Dei Hospital Talent Show |
| 13/09/2025 | 13/09/2025 | Friends of the Earth Malta | Community Assembly for Gozo Residents. |
| 13/09/2025 | 13/09/2025 | Local Government Division | IPS Summer Programme |
| 15/09/2025 | 15/09/2025 | Joseph Grech | Talba sabiex issir Mera faċċata tal-garaxxijiet tal-blokka l-ġdida fi Triq l-Isptar San Ġiljan. |
| 16/09/2025 | 16/09/2025 | EUI-URBACT | Urban Newsletter Vol 2/2025 |
| 18/09/2025 | 18/09/2025 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 22/09/2025 | 22/09/2025 | EUI-URBACT | Call for Participation: Compact Cities under the Urban Agenda for the EU |
| 22/09/2025 | 22/09/2025 | Richard Stedall | Book Launch - Gozo 100 - The 100th Anniversary of the Gozo Bus Industry - 1925 to 2025" |
| 23/09/2025 | 23/09/2025 | Local Council Association | Ċirkulari AKL 2025/053 - Rolex Middle Sea Race 2025 |
| 23/09/2025 | 23/09/2025 | Aimee Grech | Invitation for Focus Group - Mapping the Mental Health Services |
| 24/09/2025 | 24/09/2025 | Marita Portelli | DesignMT - 2nd edition of Malta's design EXPO |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Local Government Division | Invite: Launch of the ESF+.0.246 Professional Development Sponsorships - Tuesday 30th September 2025. |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Jessica Debattista | Book Donation: 'Out of the Shadows' |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Malta Human Rights Education Centre | Free Gozo Activity: The ABC of Human Rights: A Community Voice Project. |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Reġjun Għawdex | Save the Date: Konċelebrazzjoni Pontifikali Sant' Ursola |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Reġjun Għawdex | Follow-upon Yesterday's City-to-City Exchanges Presentation and Registration Link for online information session on Peer Reviews and City-to-City Exchanges. |
| 29/09/2025 | 29/09/2025 | Local Government Division | European Week for Waste Reduction |
| 29/09/2025 | 29/09/2025 | Local Council Association | Ċirkulari AKL 2025/054 - Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE : 1 sa 3 t'Ottubru 2025. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 30/09/2025 | 30/09/2025 | LESA | Talba sabiex jiżdiedu t-tabelli tan-No Waiting fi Triq tal-Għajn il-parti ta' fuq tagħha. Talba sabiex isir refreshing taż-żebgħa tas-sinjali ta' Triq tal-Għajn |
| 30/09/2025 | 30/09/2025 | Local Council Association | Ċirkulari AKL 2025/055, dwar il-Jum Dinji tas-Saħħa Mentali. |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Kummissjoni Ambjent - Malta Diocese | Konferenza mill-Kummissjoni Ambjent |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Local Council Association | Agenda for *Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE* |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Reġjun Għawdex | Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażżjoni ta' Jum Għawdex - 26 ta' Ottubru |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Reġjun Għawdex | Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażżjoni ta' Jum il-Festa ta' Sant Ursola - 19 ta' Ottubru |
| 03/10/2025 | 03/10/2025 | EUI-URBACT | Urban Newsletter Vol 3/2025 |
| 03/10/2025 | 03/10/2025 | Local Council Association | Circular AKL 2025/056 - Invitation to EduVoices Conference 2025. |

## 24.8 Preparazzjonijiet tal-Milied 2025;

24.8.1 Is-Sindku ikkonferma li l-Kunsill ikwalifika għal-iskema tal-SPI/SCI/4/2025 u ġie mgħoti is-somma massima ta €15,000. Hu reġa fakkar lil membri x'konna aplikajna għalih u semma ukoll li din is-sena id-dwal tal-Milied se jkun kopert b'din l-iskema. Il-kors tal-presepji ukoll hu nkluz mal-iskema u għalhekk il-kors se jkun b'xejn għal kull min jattendi. Il-membri qablu li nitolbu l-istimi għad-dekorazzjoni tad-dwal u għat-tizjin ta fuq iz-zuntier, etc. Ġie ikkonfermat ukoll li d-dwal, etc iridu jkunu lesti u jinxtgħelu dakinhar tal-attivita' ċioe' fis-6 ta' Dicembru, 2025.

24.8.2 Is-Sindku fakkar ukoll li fit-23 ta' Diċembru ser ikolna l-attivita' ta *Cooking with Santa.* Għal din l-attivita' ġew approvati l-fondi €1,500 mill-*Events in Gozo* u is-Sindku irringrazzja lill kunsillier Horace Micallef tas-sapport mgħoti. Din l-attivita' ser tkun qed issir bħas-sena l-oħra u fil-laqgħa li jmiss jingħataw aktar dettalji.

24.8.3 Is-Sindku ippropona ukoll ħarġa għall-anzjani għal żmien il-Milied. Il-membri qablu unanimament u aktar dettalji jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**24.9 Ħarġa Malta Novembru;**

24.9.1 Is-Sindku issuġġerixxa ħarġa kulturali għal Malta fix-xahar ta' Novembru. Wara diskussjoni ġie deċiz li din issir il-Ħadd 23 ta' Novembru, u li din id-darba inzuru xi tempju qrib Marsaxlokk u wara imorru Marsaxlokk u fit-triq lura nieqfu sal-Pama. Għal din il-ħarġa ser nagħmlu *tour bi gwida* u għalhekk ser inżommu miżata ta €5 kull persuna Il-membri preżenti qablu unanimament.

**24.10 Jum il-Fontana 2025;**

24.10.1 Is-Sindku ippropona li għal "Jum il-Fontana" norganizzaw serata tixbaħ lil dik tas-sena l-oħra. Ġie diskuss id-data meta jista jsir u l-membri qablu li tinżamm id-data propja li hi dik ta l-01 ta' Diċembru, 2025. Is-Sindku ippropona persuna għal Ġieħ il-Fontana u staqsa lill membri jekk għandhomx xi nomini minn naħħa tagħhom. Ma kienx hemm aktar nomini u ġie deċiż li jingħata lis-Sur George Galea. Is-Sindku informa lill membri li fil-prezent il-kunsill qiegħed fil-proċess li jordna l-medalji tal-okkazzjoni bħal dawk li kienu jingħataw qablel.

**24.11 Aġġornament tal-proġetti;**

24.11.1 Is-Sindku informa lill membri li l-BOQ tas-sala ġiet magħmulha separatament minn dik taċ-Ċentru Ċiviku. Dan il-proċess sar biex jekk ikun hemm xi skema li għalija tikkwalifika inkunu nistaw niproċedu u jkollna d-dokumenti lesti.

**24.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7:45 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tlieta 04 ta' Novembru fit-06:00 p.m.

Konfermati, llum, it-Tlieta, 04 ta' Novembru, 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv